MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Rikors Numru. 124/2011

**Miriam Cremona, armla tal-mejjet Professur Avukat Dr. Rene' Anthony Cremona, f'isimha proprju kif ukoll bhala mandatarja ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Marlene, mart il-Professur David Farley Hills, u**
**Joseph Muscat Manduca, l-assenti Baruni Tabib Dottor Michael**
**Kitson Attard Montalto, Susan Lee nèe Kitson Attard Montalto mart Martin Lee, Philip Kitson Attard Montalto, Baruni Igino**
**maghruf bhala Gino Trapani Galea Feriol,**
**B.D. Limited, Yveto Company Limited**

**vs**
**L-Avukat Dottor Malcolm Pace**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-11 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

Illi l-kontendenti huma lkoll kompropjetarji tal-fond bin-numru hamsa u sittin (65) f'Church Avenue, Paola, accessibbli ukoll minn sebgha u ghoxrin (27) Triq Lampuka, Paola. Ir-rikorrenti lkoll flimkien jipposjedu bejniethom erbatax-il parti indiviza minn hmistax (14/15) tal-imsemmija proprjetajiet u dan fil-kwoti individwali elenkati fid-dikjarazzjoni hawn annessa u markata Dok. A filwaqt illi l-intimat ghandu r-rimanenti kwota ta' parti minn hmistax indiviza (1/15) tal-istess proprjetajiet;

Illi din il-kwota ta' 14/15 giet ghand ir-rikorrenti mill-wirt ta' Silvia Ruggier nee Manduca kif spjegat f'aktar dettal fl-annessa dikjarazzjoni mentri il-kwota ta' l-Avukat Malcolm Pace giet ghandu b'wirt ta' Louis Manduca li miet fit-30 ta' Awwissu 2006 u halla bhala werrieta tieghu kwantu ghal kwart kull wiehed lil martu Ruby Joan Manduca nee Sumner, lil uliedu Vivienne mart Anthony Buttigieg u Louise mart it-Tabib Dottor Mark Bailey, kif ukoll kwart lill-Avukat Dottor Malcolm Pace;

Illi kemm Ruby Manduca kif ukoll uliedha Vivienne Buttigieg u Louise Bailey irrininuzjaw ghall-wirt ta' Louis Manduca;

Illi l-komunjoni tal-proprjeta f'dawn il-fondi ghalhekk ilu jissussiti ghal aktar minn ghaxar snin;

Illi permezz ta' konvenju tal-21 ta' Mejju 2009, ir-rikorrenti obbligaw ruhhom li jbieghu dawn iz-zewg fondi lin-Nutar Charles Vella Zarb bazat fuq il-prezz ta' €83,858.00, li da parti tieghu obbliga ruhu li jixtri u jakkwista b'dan il-prezz taht il-pattijiet u kondizzjonijiet fil-konvenju kopja annessa bhala Dok. B, maghmul minn-Nutar John Gambin;

Illi r-rikorrenti flimkien ma' dan ir-rikors qeghdin jannettu dikjarazzjoni u prospett a tenur tal-artiklu 495A (2) tal-Kap. 16;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolb bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tawtorizza l-bejgh tal-ishma kollha fiz-zewg fondi bin-numru hamsa u sittin (65) Church Avenue, Paola u sebgha u ghoxrin (27) Triq Lampuka, Paola, favur in-Nutar Charles Vella Zarb, bil-prezz komplessiv ta' tlieta u tmenin elf tmien mija u tmienja u hamsin Euro (€83,858.00) ghall-intier u taht il-kondizzjonijiet indikati fil-konvenju hawn anness;
2. Tiffissa l-gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-att definittiv li ghandu jsir minn-Nutar John Gambin u tinnomina kuratur ghal kull eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' ngunt minn issa sabiex jidher in subizzjoni;

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti, kwoti tal-artijiet u stimi peritali annessi mar-rikors;

Rat illi l-intimat ghalkemm notifikat baqa' kontumaci;

Rat l-istima tal-perit arkitett Alan Saliba nominat mill-Qorti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2011;

**Ikkunsidrat**

Din il-kawza hi dwar bejgh ta' proprjeta in komun bejn l-kontendenti a bazi tal-artikolu 495A tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu fl-ewwel subinciz ighid hekk:

**495A.** (1) Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indiviżjoni forzata, meta xi ħaġa tkun inżammet in komun għal iżjed minn għaxar snin u ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' xi proprjetà partikolari bejniethom, il-qorti għandha, jekk tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgħ skond ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu.

Il-provi jridu jigu prodotti ai termini ta’ dan is-subinciz huma tlieta cioe li l-proprjeta qed tinzamm in komun (u mhux kondominju jew stat ta’ indivizjoni forzata) liema komunjoni ilha tipperdura ghal aktar minn ghaxar snin u illi ma hemmx procedure gudizjarji ta’ divizjoni ghal qsim tal-proprjeta u inoltre li t-talba qed issir mill-akbar ghadd ta’ proprjetarji tenut kont il-qies tal-ishma. Jirrizulta mill-provi senjatament dawk dokumentarji illi l-atturi huma komproprjetarji fi kwoti indivizi (ara fol. 6 tal-process) tal-fondi intieri 65 Church Avenue, Paola accessibbli minn 27 Triq il-Lampuka, Paola. Din il-komunjoni ilha tipperdura ghal aktar minn ghaxar snin kif tidher mill-provenjenza fil-kuntratt ta’ divizjoni tal-wirt ta’ Antonio dei Conti Manduca tad-19 ta’ April 2006 (fol. 13 tal-process) minn fejn jidher illi din il-proprjeta kienet tappartjeni lil Sylvia Ruggier li mietet fis-6 ta’ Dicembru 1965 minn fejn bdiet il-komunjoni tal-proprjeta bejn il-partijiet fil-kawza u l-awturi taghhom fl-istess dritt. Il-maggoranza tar-rikorrenti qua ishma rikorrenti qed jitolbu li l-fond intier jinbiegh ai termini ta’ dan l-artikolu. Ma hemmx prova li dawn il-fondi huma kondominju jew hemm xi stat forzat ta’ indivizjoni.

Stabbilit dan, it-tieni subinciz tal-artikolu 495A jghid hekk:

**495A.** (2) It-talba lill-qorti għandha ssir permezz ta’ rikors li miegħu jkun hemm annessa dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ kif ukoll prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ. Fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi.

Ir-rikorrenti ammettew flimkien mar-rikors promotur dikjarazzjoni tar-rikorrenti sidien li jaqblu li jsir il-bejgh u kif ukoll konvenju datat 21 ta’ Mejju 2009 dwar il-fond in kwistjoni bil-pattijiet u kondizzjonijiet hemm elenkati (fol. 9 tal-process) u stima peritali ex parte (fol. 7) in gustifikazzjoni tal-prezz konvenut ghall-intier tal-fond in kwistjoni.

Billi l-intimat koproprjetarju ma jridx ibiegh sehmu li hu ta' 1/15 tal-intier, kellha ssir din il-kawza biex isir il-bejgh tal-intier inkluz sehem l-intimat.

L-intimat ma rrispondiex ghal dan ir-rikors. Pero l-Qorti hasset li xorta kellu jigi mqabbad perit tal-Qorti biex jindirizza l-kwistjoni tal-valur tal-fond. Dan peress illi s-subartikou (1) fih citat li l-Qorti ghandha tkun sodisfatta li hadd mill-koproprjetarji dissidenti ma jkun gravament pregudikat b'dak li tordna, cioe l-bejgh kif trid il-maggoranza tal-koproprjetari qua ishma. Bla dubbju il-valur hu wiehed mill-konsiderazzjonijiet magguri li jrid jittiehed in konsiderazzjoni dwar l-vantagg tal-bejgh. Fil-fatt s-subinciz (6) tal-istess artikolu jghid:

**495A.** (6) Meta tiġi biex tivvaluta jekk ikunx hemm xi preġudizzju serju għal xi wieħed mill-komproprjetarji, il-qorti għandha tqis kull fattur rilevanti inkluż il-valur tal-proprjetà u l-prezz tal-bejgħ, u tista' għal dak il-għan tordna li ssir stima tal-proprjetà skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 306 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Jirrizulta illi l-perit tal-Qorti stima l-proprjeta in kwistjoni fil-valur ta' €93,000. Il-perit ex parte ghamel stima ta' €95,000 u l-prezz konkordat ghal bejgh hu ta' €83,858. ghalhekk hemm diskrepanza ta' €9,000 bejn il-prezz konvenut u l-valur moghti mill-perit tal-Qorti. Pero din il-Qorti ma tqis li din id-differenza hi sinifikanti ghal finijiet ta' <u>pregudizzju gravi</u> li trid il-ligi. Il-ligi fil-fatt tikkwalifika l-pregudizzju bhala wiehed <u>gravi</u> ghad-drittijiet tal-koproprjetarju li ma jridx jaccetta li jsir il-bejgh. F'dan il-kaz is-sehem tal-konvenut hu ta' 1/15 u ghalhekk id-differenza fil-valur tal-kwota li ser imissu bejn l-istima peritali u l-prezz konvenut ser ikun ta' €609 li mhux ammont li wahdu jista' jitqies gravament pregudizjali ghal konvenut specjalment meta tqis fatturi ohra ta' relevanza li wkoll iridu jittiehdu in konsiderazzjoni. Din il-Qorti tqis il-fatt li l-fond intier jinsab mikri bil-ligijiet l-antiki hu zvantagg ghal komproprjetarji li jibqghu in komunjoni billi r-renta hi wahda baxxa ta' €279.52 u gravanti l-proprjeta hemm cens ta' €4.89. Inoltre stimi huma soggettivi hafna u

jiddependu minn hafna fatturi fosthom il-klima ekonomika tal-pajjiz fiz-zmien li jkunu saru.

Din il-Qorti tqis illi l-valur miftiehem ma ser ikun ta' ebda pregudizzju ghal-konvenut. Harsa lejn it-termini tal-konvenju wkoll ma jaghtiex lok ghal preokkupazzjoni billi ma hemmx kondizzjonijiet ta' natura straordinarja marbuta mal-bejgh hlief li hu kondizzjonat li jinxtara l-intier.

Il-Qorti ma tistax pero ma tinnotax illi l-konvenju skond klawsola 8 skada gheluq sentejn mid-data tieghu cioe 21 ta' Mejju 2011 u ghalhekk din il-Qorti ser tiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni fis-sentenza taghha.

Jidher illi r-rikorrenti huma gustifikati fit-talba tagghom ghal bejgh tal-fond intier inkluz is-sehem spettanti lill-konvenut skond it-termini tal-konvenju tal-21 ta' Mejju 2009.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa' l-ewwel talba attrici ghal bejgh tal-ishma kollha fil-fondi 65 Church Avenue, Paola u 27 Triq Lampuka, Paola favur in-Nutar Charles Vella Zarb ai termini tal-konvenju bejn ir-rikorrenti u l-istess Nutar Vella Zarb tal-21 ta' Mejju 2009 u dan bil-prezz konvenut ghall-intier ta' tlieta u tmenin elf tmien mija u hamsin Euro (€83,850) bil-pattijiet u kondizzjonijiet kollha msemmija fl-imsemmi konvenju, u dan prevja li l-konvenju gie prorogat jew fin-nuqqas in-Nutar Vella Zarb ghadu intenzjonat jaddivjeni ghal kuntratt ta' akkwist; tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna li l-pubblikazzjoni tal-att definitiv u ghal dan l-iskop tinnomina lin-Nutar John Gambin, liema kuntratt ghandu jigi pubblikat fid-29 ta' Lulju 2011 fl-10.00am fil-bini tal-Qorti u tinnomina lil Dr. Noel Bartolo bhala kuratur ghal kull eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------